MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 83/2011

Kawza fil-lista: 83

***A B***
**vs**
***X B***

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fis-17 ta’ Lulju 2010, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal; li xahar wara z-zwieg l-attrici skopriet li zewgha kien qed jiffrekwenta persuni ta’ l-istess sess tieghu; li l-konvenut ghandu relazzjoni ma’ ragel iehor u li ghadu jiffrekwentah sal-lum; li fiz-zwieg huwa qatt ma fittixha bhala martu, u qatt m’ghamel l-att biex ikollhom it-tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d][f], u ta’ l-attrici, fit-termini tal-paragrafu [c] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-

Ligijiet ta' Malta; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null fil-ligi z-zwieg bejn il-partijiet;

Rat li permezz ta' nota guramentata l-konvenut ddikjara li hu "jaqbel mal-premessi kif dedotti minn martu *A B* fir-rikors guramentat taghha, fil-konfront tieghu.";

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits u d-dokumenti prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-17 ta' Lulju 2010 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali kien vizzjat fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-ligi fuq indikati.

**Il-Fatti**
Illi l-partijiet izzewwgu fis-17 ta' Lulju 2010 wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa sentejn.

Illi xahar wara z-zwieg, l-attrici skopriet li zewgha kien qed jiffrekwenta hbieb tas-sess maskili, u eventwalment skopriet ukoll li f' Awissu 2010 dan kien f' relazzjoni ma' ragel.

Illi matul il-konvivenza matrimonjali, il-konvenut ma kienx ifittex lill-attrici, allura martu, biex ikollu x' jaqsam maghha, u wkoll kien juri riluttanza ghall-attivita' sesswali maghha. Ukoll kien hemm zmien meta l-att kopulattiv fiziku ma kienx kapaci jaghmlu.

Illi wara konvivenza ta' ftit xhur il-partijiet isseparaw de facto.

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f'dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut il-*caput nullitatis* kontemplat fit-tieni parti tal-paragrafu [d],

stante li mill-provi jirrizulta car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenut kien affett minn anomalija psikologika serja li kienet ghamlitha mpossibbli li dan iwettat l-obbligi essenzjali ghaz-zwieg, senjatament dak li jghix il-hajja konjugali diretta lejn il-prokreazzjoni ta' l-ulied.

Il-Qorti tirravviza wkoll l-eziztenza tal-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [c] ta' l-artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ta' l-attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-17 ta' Lulju 2010.

Spejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------